




# Id-devozzjoni popolari mal-faċċatti tad-djar.

*Dr Godfrey Farrugia*

Hekk kif l-ewwel żiffa sħuna tilħaq xtutna, il-pajsaġġ urban ta' Malta jisfa' ddominat min-numru t'arbli li jtajru bnadar ta' kull qies minn fuq il-bjut. Dan huwa sinonimu mal-festi tal-irħula u mill-bogħod, din x-xeneġġjatura twassal messaġġ.

Il-festa hija żmien meta kull komunità tipparteċipa b'mod attiv biex tagħti ġieħ lill-qaddis(a) patrun(a) tagħha. Dawn il-bnadar huma rappreżentazzjonijiet artistiċi li jsebbħu u jżejnu l-faċċati tad-djar, iżda aktar minn hekk, din id-diversità ta' bnadar iperpru mar-riħ hija waħda mill-ħafna manifestazzjonijiet esterni li jixhdu l-entużjażmu u s-sehem ta' ħafna familji, li apparti li jkunu qed iwasslu l-messaġġ ferrieħ tagħhom, ikunu qed jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw l-identità tagħhom bħala komunità, bħala lokalità u bħala turija popolari ta' devozzjoni lejn il-qaddis(a) protettur (protettriċi).

Nafu wkoll li kull belt u raħal f'Malta u Għawdex huma maqsuma internament b'diversi ġemgħat ta' ċittadini li jħaddnu fehmiet differenti u ejja ngħidu kif inhi, dan ma jgħoddx għal festi biss. Għalhekk, kull bandiera, aktar iva milli le, individwalment turi dawk il-fatturi distintivi li jindikaw taqsimiet soċjali interni u appoġġ rapprezentattiv lejn grupp u mhux ieħor. Hu propju dan li jispjega r-raġuni għalfejn ħafna mill-bnadar li naraw jittajru fil-festi ma jurux biss il-kuluri nazzjonali ta' Malta jew il-kuluri ekkleżjastiċi jew l-emblema tal-lokalità, iżda jħaddnu kotra ta' disinji artistiċi kkuluriti, b'tali mod li jesebixxu emblemi, kuluri jew simboli jappartjenu lil xi każin, jew xi immaġni ta' qaddis. Ninnota li f'dawn l-aħħar għoxrin sena x-xbieha ta' qaddis mtajjar fuq bandiera hija innovazzjoni artistika li daħlet sew fost ħafna dilettanti tal-festi.

Iżda rrid naqsam ħsieb magħkom, fehma li ta' spiss iddiskutejt ma' numru ta' ħbieb li għandhom in-namur tal-festi. Dan l-għemil jixbah ħafna l-ħsieb wara t-twaqqif tan-niċeċ, it-twaħħil tar-riljievi, l-għotja tal-ismijiet tad-djar u l-bini tal-frontispizji li nsibu jsebbħu l-faċċati ta' ċertu djar. Bla dubju ta' xejn, dawn il-bnadar huma varjant tal-istess ħsieb. L-artistrija fuq il-bnadar qed tintuża b'laqta kontemporanja u bl-istess mod qed tippromovi dan l-għemil li ilu magħna għal numru ta' sekli.

**L-Għeruq**

L-oriġini tat-tisbiħ tal-faċċati tad-djar permezz ta' xbihat sagri u devozzjonali mhumiex magħrufa fiċ-ċert. Jidhirli li din il-prattika setgħet kienet motivata minn ċirkustanzi li biddlu l-istil ta' ħajja fl-irħula u ssottomettew lin-nies tal-lokal għall-użanzi ġejjien minn pajjiżi ġirien. Ma hemmx dubju li l-Ordni Sovrana, Militari u Ospitaliera ta' San Ġwann għandha sehem qawwi fit-tnissil ta' din l-imġiba artistika.

Sal-bidu tas-seklu tmintax il-bini tal-belt kapitali, Valletta, kien diġà ġab miegħu bosta opportunitajiet mhux biss f'attività kummerċjali, iżda wkoll bit-titjieb fis-sengħa tal-kostruzzjoni minħabba l-proġetti ambizzjużi li kienu qed jinbnew.

Riżultat ta' dan l-progress, il-Maltin kienu diġà dawru l-attenzjoni tagħhom fuq it-tkabbir u l-bini mill-ġdid tal-knejjes parrokkjali u dan kien segwit minn perjodu ta' żvilupp sekulari, fejn fiż-żoni urbani l-bini qadim ġie modernizzat, fejn djar ġodda ġew mibnija bi strutturi aktar sodi, u fejn ġew introdotti stili ta' arkitettura aktar tal-epoka fil-qalba ta' irħula Maltin. Għalhekk ġara li l-istili arkitettoniċi li kienu jsebbħu l-faċċati ta' binjiet kbar fil-Belt ġew introdotti f'għamliet aktar modesti mal-faċċati tad-djar f'bosta irħula.

Għall-ħabta tal-istess perjodu, bdew ukoll jinbnew numru ta' kappelli f'diversi toroq u mogħdijiet, li wħud minnhom kellhom emblemi reliġjużi

skolpiti jew niċeċ inkorporati fl-istruttura tal-binja tagħhom.

Dan l-iżvilupp bla dubju kien xhieda tal-prosperità li pajjiżna kien qed igawdi u għalhekk naraw li dan il-progress kompla jħeġġeġ lill-poplu biex jibda jagħti sehmu fil-festi, okkażjonijiet li l-Ordni kienet tiċċelebra b'pompa u rikkezzi. Riżultat t'hekk is-sengħa tal-istatwar issaħħet, u magħha l-popolarità ta' din l-arti.

Għalhekk il-ħsieb li kien diġà nibet, li l-istatwi devozzjonali jiġu mwaqqfa mal-faċċati tad-djar, kiber u ħa żvolta differenti. Simbolikament dawn in-niċeċ u l-istatwi mistrieħa fuq mensola jew pedestal huma xhieda ta' rabta bejn reliġjon u devozzjoni popolari, u bejn kultura u status soċjali tas-sid.

Huwa dokumentat li f'Marzu tal-1745, Gran Pirjol Ġermaniż, Philippe Nesselrode (1677-1754), iddeċieda li jwaqqaf, bi flus li ħareġ minn butu, ħames statwi ta' qaddisin madwar il-binja li kienet tinkludi l-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-Belt. F'dawk iż-żminijiet, il-liġijiet kienu jimponu li l-abitanti tal-Belt ma joħorġux minn djarhom wara nżul ix-xemx minħabba li fit-toroq kien ikun hemm dlam taqtgħu b'sikkina u konsegwenza t'hekk is-serq ma kienx rari. Nesselrode kien tal-fehma li għalkemm l-istatwi fit-toroq primarjament għandhom ikunu mwaqqfa biex ikebbsu x-xrara tad-devozzjoni f'min ikun għaddej, jekk jinxtegħlu bit-tazzi taż-żejt, dawn ikunu qed iservu wkoll biex idawlu t-toroq bil-lejl. Din l-idea ta' Nesselrode qanqlet lil ħaddiehor biex isegwih u l-awtoritajiet komplew jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' statwi għax kienu konxji li d-devoti qatt ma kienu ser iħallu toroq jispiċċaw fid-dlam. Fi żmien qasir, bosta kantunieri tat-toroq fil-Belt Valletta ġew imsebbħa bi statwi; drawwa li qabdet sew u bdiet tiġi segwita minn irħula oħra ewlenin f'Malta.

Madankollu, dan ma jfissirx li qabel din il-ġrajja msemmija, in-niċeċ ma kinux jitwaqqfu mal-faċċati tad-djar, jew li l-emblemi u r-riljievi reliġjużi ma kinux diġà jeżistu, għaliex illum-il ġurnata wieħed għadu jiltaqa' ma' xogħlijiet aktar bikrin minn din il-ġrajja. Li ġara kien li l-inizjattiva ta' Nesselrode kienet ewlenija għax firxet aktar popolarità. Id-dawl fit-toroq kien ħtieġa u fl-istess waqt din il-ħtieġa xettlet it-tkabbir ta' devozzjoni popolari li kienet għadha qed titfaċċa fil-beraħ u ssir magħrufa.
Ta' min jgħid li hekk kif il-faċċati tad-djar juru stili arkitettoniċi li ftit jew wisq jirriflettu l-ġid u l-istatura soċjali tas-sidien tagħhom, hekk ukoll in-niċeċ u l-istatwi, kemm jekk mibnija għall-valur estetiku tagħhom u kemm jekk twaqqfu biex ikebbsu x-xrara tad-devozzjoni f'min ikun għaddej, jixhdu l-istess grad ta' elaborazzjoni skont il-qagħda soċjali ta' sidhom.

Għalhekk nistgħu ngħidu li familji tat-tajjeb u nobbli Maltin li kienu joqogħdu fil-palazzi jew fi djar kbar kellhom kappella privata tmiss mar-residenza, filwaqt li dawk li l-qagħda ekonomika tagħhom ma kinitx tippermettilhom daqshekk, kellhom djar li fil-faċċati tagħhom kellhom xi niċċa. Mill-banda l-oħra, in-nies tal-kampanja li kienu jgħixu fl-irziezet kellhom xbihat devozzjonali fuq skala ferm iżgħar u li barra niċeċ ċkejkna kienu jinkludu emblemi reliġjużi u riljievi.

Dawn l-eżempji komplew joktru u bdew juru xeħta devozzjonali li laħqet il-quċċata tagħha kemm matul il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann u dik Kolonjali. Madankollu, faċilment jista' jingħad li l-wirt arkitettoniku tas-sekli dsatax u għoxrin jagħti ħjiel li dawn il-prattiċi devozzjonali kienu aktar midħla fost il-klassijiet soċjali bi qligħ medju u dawk bi qligħ baxx milli fost il-klassi ta' soċjetà għolja.

Kollox ma' kollox, dawn in-niċeċ huma postijiet li twaqqfu b' turija ta' qima u bosta minnhom għandhom ġrajja x'jirrakkontaw. Ħafna minnhom kienu mwaqqfa bħala sinjal ta' ringrazzjament minħabba li tkun inqalgħet xi grazzja wara li tkun saret xi wegħda ma' xi qaddis partikolari. Il-ħelsien mill-pesta jew il-fejqan minn mard kien wieħed mill-bosta raġunijiet wara n-numru sostanzjali ta' niċeċ li ġew imwaqqfa. Oħrajn twaqqfu biex isebbħu xi daħla jew xi remissa, jew għax la l-ġar għandu, għalfejn jien ma għandiex ikolli wkoll, jew bħala ħars minn xi superstizzjoni, iżda l-biċċa l-kbira tan-niċeċ ċertament twaqqfu bħala turija ta' twemmin reliġjuż.

L-aħħar snin tas-seklu 20, minn meta pajjiżna ħa l-Indipendenza 'l hawn, il-livell ta' għixien u l-kwalità tal-ħajja baqgħa dejjem jogħla u ż-żona urbana kibret bil-bini ta' *housing estates* u numru ta' djar li l-arkitettura tagħhom hi aktar kontemporanja u b'linji ta' stil aktar sempliċi. Għalhekk, ġara li n-niċeċ mal-faċċati tad-djar ma baqgħux moda u n-nies dawru l-attenzjoni tagħhom fuq verżjoni aktar modesta ta' kif jissimbolizzaw din il-forma ta'

devozzjoni. Id-djar bdew jissemmew f'ġieħ qaddis protettur u bdew jitwaħħlu riljievi taċ-ċeramika bosta minhom mixgħula b'fanal ċkejken tad-dawl, filwaqt li minn kellu parapett jew daħla qabel ma taqbad il-bieb tad-dar waqqaf niċċa ċkejna donnu biex kull min jidħol jingħata l-barka bil-ħars tagħha. Dawn in-niċeċ ma tantx tilmaħhom malajr, tant li trid tersaq qribhom biex tarahom.

B'kuntrast fi djar li ġeneralment ikollhom faċċata aktar wiesgħa bdew jinbnew frontispizji, stil li ġie meħud minn bini importanti, bħal dak governattiv u xi bini pubbliku ieħor jew fuq kollox xi każin. Ħafna minn dawn huma skolpiti u fosthom insibu dawk li jkollhom xbihat qaddisa u minn hawn tnisslet l-idea li dan il-kunċett artistiku seta' jiġi addottat fil-bnadar tal-festa billi fuqhom jitpinġa l-qaddis. Hu hekk seħħ. Koss, tifhmuha bħali, b'hekk qed tingħata xeħta aktar personalizzata, fejn illum mal-arblu tittella' bandiera mod u l-ġimgħa ta' wara oħra minflokha.

Ta min itenn ukoll li sa mill-bidu tas-seklu 20 minn dejjem kienet użanza li mal-gallarijiet jew mal-vilestruni tal-bieb ta' barra, jiddendlu kawdri tal-qaddis(a) tal-festa li tkun qiegħda tiġi ċċelebrata, iżda dan l-aħħar pavaljuni rrakkmati jew ikkuluriti bl-ilwien tal-festa u msebbħa bi xbieha mpinġija tal-qaddis(a) bdew jiġu mdendla wkoll.

Għalhekk jekk nagħtu ħarsa lejn dak li seħħ fl-aħħar erba' sekli, ix-xbihat devozzjonali mal-faċċata tad-djar bdew minn nofsha, niżlu n-naħa t'isfel qrib il-bieb u spiċċaw aktar 'l fuq, f'partijiet għolja mill-istess faċċata, filwaqt li minn xbieha artistika li hi rappreżentata f'sura permanenti tbiddlet f'waħda aktar temporanja. Kull epoka għandha l-għamla preferita tagħha, iżda l-għan ewlieni tal-ħsieb wara l-għemil hu wieħed li jissimbolizza rabta bejn d-dimensjoni soċjali u dik kulturali, minsuġa f' tema reliġjuża. Dan hu l-qofol.

Dan kollu jixhed li din l-għamla tad-devozzjoni popolari hi ħajja u jekk issaqsuni jekk jien qattx tellajt bandiera b' immaġini ta' qaddis jittajjar fuqha mal-arblu tal-klinika tiegħi, ir-risposta tiegħi hi le, ghax festa jew mhix, jien dejjem il-bandiera bajda u ħamra tellajt..... Imma, mal-istess ħajt tal-faċċata, propju f'nofsha fuq mensola hemm statwa kbira miżbugħa bajda u mberfla bid-deheb tal-qaddis prottetur li jħarisni...u kull min jgħaddi minn quddiemu.




